

Brussell, 9 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6722/21

CYBER 55	RECH 86
JAI 227	COMPET 151
JAIEX 23	IND 52
EJUSTICE 25	COTER 25
COSI 39	ENFOPOL 80
DATAPROTECT 54	COPS 79
COPEN 103	MI 136
TELECOM 88	IXIM 43
PROCIV 21	POLMIL 25
CSC 85	HYBRID 10
CIS 35	CSCI 34
RELEX 168	POLGEN 33

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali

1. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppubblikaw il-Komunikazzjoni Konġunta tagħhom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "L-istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali"¹. L-Istrategġija l-ġdida dwar iċ-Ċibersigurtà għandha l-għan li saħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Ewropa kontra t-theddid ċibernetiku u tiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ minn servizzi u għodod diġitali ta' fiduċja u affidabbli.

¹ 14133/20

2. Il-Kummissjoni u s-SEAE ppreżentaw il-Komunikazzjoni Konġunta fil-vidjokonferenza informali tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar kwistjonijiet ċibernetiċi (HWPCI) fis-17 ta' Diċembru 2020 u fit-12 ta' Jannar 2021. Fil-vidjokonferenza informali tal-HWPCI tas-17 ta' Diċembru 2020, il-Presidenza Portugiża li kien imiss ħabbret l-intenzjoni tagħha li tfejji abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali.
3. Il-Presidenza ppreżentat l-ewwel abbozz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-vidjokonferenza informali tal-HWPCI fit-2 ta' Frar 2021. Dawn il-konklużjonijiet ġew sussegwentement diskussi fil-laqgħat informali tal-HWPCI permezz ta' vidjokonferenza fid-9 ta' Frar 2021, id-19 ta' Frar 2021 u l-1 u d-9 ta' Marzu 2021.
4. Billi l-abbozz ta' konklużjonijiet fih ukoll referenza għall-politiki ta' difiża tal-UE (paragrafu 30), il-Grupp Politiku/Militari (PMG) iddiskuta l-paragrafu rilevanti fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Frar 2021.
5. Diversi paragrafi jirrigwardaw il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (il-paragrafi 1, 4, 7, 8, 9, 20, 23, 24, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32 u 33) u għalhekk ġew ippreżentati lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà li approva dawn il-paragrafi fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Marzu 2021.
6. Fil-vidjokonferenza informali tiegħu tad-9 ta' Marzu 2021, il-HWPCI laħaq qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 6722/21.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jippreżenta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-anness lill-Kunsill u jissuġġerixxi li jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-
Deċennju Diġitali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar:

- il-Komunikazzjoni Konġunta tal-25 ta' Ġunju 2013 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: "Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur"²,

- il-Governanza tal-Internet³,

- il-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Novembru 2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE"⁴,

- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE⁵,

- is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G⁶

- il-futur ta' Ewropa b' diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali"⁷,

- sforzi komplementari għat-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu⁸,

- it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa⁹,

2 12109/13
3 16200/14
4 14435/17 + COR 1
5 7737/19
6 14517/19
7 9596/19
8 14972/19
9 8711/20

- id-Diplomazija Digitali¹⁰,
- it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19¹¹,
- iċ-Ċiberdiplomazija¹²,
- Rispons koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet ta' Ċibersigurtà fuq Skala Kbira¹³,
- Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitàjiet Ċibernetiċi Malizzjużi ("Għodda tad-Diplomazija Diġitali")¹⁴,
- Linji Gwida dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Ċibernetiċi Esterni tal-UE¹⁵,
- Irkupru li jgħanna t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva¹⁶,
- iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi¹⁷,
- it-Tisħiħ tar-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u t-Trawwim ta' Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva¹⁸,
- u r-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ - Sigurtà permezz ta' kriptaġġ u sigurtà minkejja l-kriptaġġ¹⁹,

¹⁰ 12804/20
¹¹ 14064/20
¹² 6122/15 + COR 1
¹³ 10086/18
¹⁴ 10474/17
¹⁵ 10496/18
¹⁶ 13004/20
¹⁷ 13629/20
¹⁸ 14540/16
¹⁹ 13084/1/20 REV 1

- u d-dikjarazzjoni tal-Istati Membri tal-15 ta' Ottubru 2020 dwar il-bini tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss għan-negozji u s-settur pubbliku fl-UE,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-COVID-19, is-Suq Uniku, il-politika industrijali, ir-relazzjonijiet diġitali u esterni tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020²⁰ u dawk dwar id-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu u dwar aġenda strateġika ġdida 2019-2024 tal-20 ta' Ġunju 2019²¹,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea- Viżjoni kondiviża, Azzjoni komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha tat-28 ta' Ġunju 2016,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa tad-19 ta' Diċembru 2020²² u dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-24 ta' Lulju 2020²³,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti tat-2 ta' Diċembru 2020²⁴,

1. JENFASIZZA l-fatt li ċ-ċibersigurtà hija essenzjali biex tinbena Ewropa reżiljenti, ekoloġika u diġitali u JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "L-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali", li tiddekrivi l-qafas il-ġdid għall-azzjoni tal-UE fil-qasam tar-"reżiljenza, sovranità teknoloġika u tmexxija f'dan il-qasam" kif ukoll biex jiġu protetti n-nies, in-negozji u l-istituzzjonijiet tagħha minn inċidenti u theddid ċibernetiċi filwaqt li tissaħħaħ il-fiduċja tal-individwi u l-organizzazzjonijiet fil-kapaċità tal-UE li tippromwovi networks u sistemi tal-informazzjoni kif ukoll infrastruttura u konnettività siguri u affidabbli, u li tippromwovi u tipproteġi ċiberspazju globali, miftuħ, liberu, stabbli u sigur imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

²⁰ EUCO 13/20

²¹ EUCO 9/19

²² 19.2.2020 COM(2020) 67 final

²³ 24.7.2020 COM(2020) 605 final

²⁴ 2.12.2020 JOIN(2020) 22 final

2. JIRRIKONOXXI li l-pandemija tal-COVID-19 ġabet il-ħtieġa akbar ta' fiduċja fl-għodod u s-sistemi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) u s-sigurtà tagħhom fuq quddiem nett fil-ħajja tagħna ta' kuljum. JENFASIZZA li ċ-ċibersigurtà u l-Internet globali u miftuħ huma vitali għall-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE u għas-soċjetà tagħna u l-ekonomija kollha kemm hi.
3. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm aktar sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ċibernetiċi fil-livelli politiċi u tat-teħid ta' deċizzjonijiet strateġiċi billi dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet jingħataw it-tagħrif u l-informazzjoni rilevanti u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titjeb il-kuxjenza tal-pubbliku ġenerali u tiġi promossa l-iġjene ċibernetika.
4. JAPPELLA għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri ewlenin tal-UE tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u informazzjoni, id-dritt għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u d-dritt għall-privatezza fiċ-ċiberspazju. JILQA', f'dan ir-rigward, sforzi sostnuti ulterjuri biex jiġu protetti d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-akkademja li jaħdmu fuq kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, il-privatezza tad-data, is-sorveljanza u ċ-ċensura online billi tiġi pprovduta gwida Prattika, jiġu promossi l-aħjar Prattiki u jiżiedu l-isforzi tal-UE biex jiġu evitati l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-użu ħażin ta' teknoloġiji emerġenti, partikolarment permezz tal-użu ta' miżuri diplomatiċi fejn meħtieġ, kif ukoll il-kontroll tal-esportazzjoni ta' tali teknoloġiji. JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 u l-Linji Gwida tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline.
5. JENFASIZZA li l-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewleni tal-Unjoni sabiex tiddetermina hija stess it-triq u l-interessi ekonomiċi tagħha. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċità li jsiru għażliet awtonomi fil-qasam ta' ċibersigurtà bil-għan li tissaħħaħ it-tmexxija diġitali tal-UE u l-kapaċitajiet strateġiċi tagħha. IFAKKAR li dan jinkludi l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u ż-żieda tar-reżiljenza fl-ekosistemi l-aktar sensitivi u oqsma speċifiċi. JISSOTTOLINJA li dan jista' jinkludi d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-produzzjoni u dawk tal-provvista, it-trawwim u l-attrazzjoni ta' investimenti u ta' produzzjoni fl-Ewropa, l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi u mudelli ċirkolari, u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni industrijali wiesgħa fl-Istati Membri kollha.

6. B'kont meħud tan-nuqqas ta' ħiliet diġitali u taç-ċibersigurtà fil-forza tax-xogħol, JENFASIZZA l-importanza li tiġi ssodisfata d-domanda għal forza tax-xogħol imħarrġa fil-qasam diġitali u ç-ċibersigurtà b'mod partikolari billi jiġi żviluppat, miżmum u attirat l-aħjar talent, pereżempju permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex inkunu nistgħu niddiġitizzaw is-soċjetà tagħna b'mod ċibersigur. JINKORAĠĠIXXI parteċipazzjoni akbar min-nisa u l-bniet fl-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika ("STEM") u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali bħala wieħed mill-mezzi biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri.
7. IFAKKAR li l-approċċ komuni u komprensiv tal-UE lejn iç-ċiberdiplomazija għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-mitigazzjoni tat-theddid ċibernetiku u stabbiltà akbar fir-relazzjonijiet internazzjonali. F'dan il-kuntest, JIRRIAFFERMA l-impenn tiegħu lejn soluzzjoni għat-tilwim internazzjonali relatati maç-ċiberspazju b'mezzi paċifiċi, u li l-isforzi diplomatiċi kollha tal-UE għandhom, bħala prijorità, ikollhom l-għan li jippromwovu s-sigurtà u l-istabbiltà fiç-ċiberspazju permezz ta' aktar kooperazzjoni internazzjonali, u li jnaqqsu r-riskju ta' perçeżżjoni ħażina, eskalazzjoni u kunflitt li jista' jirriżulta minn inċidenti tal-ICT u JAPPOĠĠA aktar żvilupp u operazzjonalizzazzjoni ta' miżuri għat-tiħih tal-fiduċja (CBMs) fil-livell reġjonali u internazzjonali. ITENNI l-appell tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, maqbul b'kunsens, li l-Istati Membri tan-NU jkunu ggwidati mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-UNGGE fl-użu tagħhom tal-ICT u JIRRIAFFERMA l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari tal-Karta tan-NU fl-intier tagħha, fiç-ċiberspazju.
8. JIRRIAFFERMA li, bil-ħsieb li jissawru sostanzjalment in-normi u l-istandards internazzjonali fl-oqsma tat-teknoloġiji emerġenti u l-infrastruttura teknoloġika u loġika essenzjali għad-disponibbiltà u l-integrità ġenerali tan-nukleu pubbliku tal-Internet, sabiex dawn ikunu konformi mal-valuri universali u tal-UE u permezz ta' approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati, huwa essenzjali l-iżvilupp ulterjuri ta' normi u standards fl-Unjoni. Dan ser jiżgura li l-Internet jibqa' globali, miftuħ, liberu, stabbli u sigur u li l-użu u l-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, u li l-użu tagħhom ikun legali, sikur u etiku. JIEĦU NOTA tal-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni li jmiss u JIMPENJA RUĦU favur sensibilizzazzjoni proattiva u koordinata biex jiġu promossi t-tmexxija tal-UE u l-oġettivi tal-UE fil-livell internazzjonali, inkluż f'diversi korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni u permezz ta' kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, is-soċjetà ċivili, l-akkademja u s-settur privat.

9. JAPPOĠĠA BIL-QAWWA l-mudell b'diversi partijiet ikkonċernati għall-governanza tal-Internet u ċ-ċibersigurtà u jimpenja ruħu li jsaħħaħ l-iskambji regolari u strutturati mal-partijiet ikkonċernati inkluż is-settur privat, l-akkademja u s-soċjetà ċivili f'fora internazzjonali, inkluż fil-kuntest tal-Appell ta' Pariġi għall-Fiduċja u s-Sigurtà fiċ-Ċiberspazju. JIPROMWOVI aċċess universali, affordabbli u ndaqg għall-Internet li jgħaqqad id-distakki diġitali u, b'mod partikolari, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew marġinalizzati, kemm fl-iżvilupp tal-politika kif ukoll fl-użu tal-Internet.
10. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi inkluża ċ-ċibersigurtà fl-investimenti u l-inizjattivi diġitali fis-snin li ġejjin u l-ħtieġa li progressivament jingħata kontribut lil kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fiċ-ċibersigurtà u JINNOTA l-pjan tal-Kummissjoni li żżid l-infiq pubbliku u timmobilizza l-investment privat fil-qasam taċ-ċibersigurtà. JENFASIZZA l-importanza tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) fl-ekosistema taċ-ċibersigurtà u JAGĦRAF l-istrumenti finanzjarji rilevanti disponibbli biex jappoġġaw fokus qawwi fuq iċ-ċibersigurtà fi ħdan it-trasformazzjoni diġitali matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 kif ukoll fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).
11. JISTENNA B'INTERESS l-implimentazzjoni rapida tar-Regolament dwar iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (CCCN), inkluż l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni rapida taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà f'Bucharest. L-adozzjoni fil-pront tal-aġenda tiegħu ser tikkontribwixxi biex jiġu massimizzati l-effetti tal-investimenti biex jissaħħu t-tmexxija u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà u jiġu appoġġati l-kapaċitajiet u l-ħiliet teknoloġiċi u biex tiżdied il-kompetittività globali tal-Unjoni b'kontribut mill-industrija u l-komunitajiet akkademiċi f'materji taċ-ċibersigurtà, inkluż l-SMEs u ċ-ċentri ta' riċerka, li ser jibbenefikaw minn kollaborazzjoni aktar sistematika, inklużiva u strateġika, b'kunsiderazzjoni tal-koezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri kollha tagħha. JILQA' l-ħidma li għaddejja mmexxija mill-ENISA, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati interessati, biex tipprovdi lill-UE b'skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti, servizzi u proċessi tal-ICT li għandhom jikkontribwixxu biex jiżdied il-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali. F'dan il-kuntest,

12. JISTENNA B'INTERESS il-Programm ta' Hídma Kontinwu tal-Unjoni (URWP) bil-ħsieb li jiġu żviluppati skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE fi ħdan l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà (CSA). JAGĦRAF, f'dan il-kuntest, ir-rwol ċentrali tal-UE biex tiżviluppa standards li jistgħu jsawru x-xenarju taċ-ċibersigurtà u li jikkontribwixxu biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fl-UE u fix-xena globali, filwaqt li jiġi promoss l-aċċess għas-suq kif ukoll jiġu indirizzati r-riskji għas-sigurtà u fl-istess ħin tiġi żgurata l-applikabbiltà tal-qafas leġiżlattiv tal-UE.

13. ITENNI l-importanza li tiġi vvalutata l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni orizzontali, li tispeċifika wkoll il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tqegħid fis-suq, biex eventwalment jiġu indirizzati l-aspetti rilevanti kollha taċ-ċibersigurtà tal-apparati konnessi, bħad-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità. JILQA' f'dan ir-rigward diskussjoni biex jiġi esplorat il-kamp tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni bħal din u r-rabtiet tagħha mal-qafas taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà kif definit skont is-CSA, bil-għan li jogħla l-livell ta' sigurtà fis-Suq Uniku Diġitali. JISĦAQ li r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għandhom jiġu ddefiniti skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż is-CSA, il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid (NLF), ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u att leġiżlattiv orizzontali possibbli futur, biex jiġu evitati ambigwi u frammentazzjoni fil-leġiżlazzjoni.

14. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċ komprensiv u orizzontali dwar iċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, filwaqt li jiġu rrispettati għalkollox il-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kif ukoll l-importanza tal-appoġġ li għaddej għall-assistenza teknika u l-kooperazzjoni biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri. B'kont meħud tal-evoluzzjoni tax-xenarju ta' theddid ċibernetiku, JIEĦU NOTA tal-proposta l-ġdida għal Direttiva dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni li tibni fuq id-Direttiva NIS u JTENNI l-appoġġ tiegħu għat-tiżhni u l-armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali taċ-ċibersigurtà u l-kooperazzjoni sostnuta bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, JENFASIZZA l-ħtieġa għal allinjament u artikolazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali f'dan il-qasam.

15. JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni li tappoġġa l-Istati Membri fl-istabbiliment u t-tisħiħ ta' Ċentri tal-Operazzjoni tas-Sigurtà (SOCs) biex jinbena network ta' SOCs madwar l-UE, biex jiġu mmonitorjati u antiċipati ulterjorment is-sinjali li jindikaw attakki fuq networks. F'dan il-kuntest, JISTENNA l-pjanijiet dettaljati tal-Kummissjoni dwar in-network tas-SOCs, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri. IFAKKAR fl-isforzi li saru mill-Istati Membri, appoġġati mill-UE, biex jistabbilixxu CSIRTs settorjali, nazzjonali u reġjonali u Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infommazzjoni (ISACs) nazzjonali jew Ewropej bħala parti minn network effettiv ta' sħubijiet ta' ċibersigurtà fl-Unjoni. JISTENNA B'INTERESS li jesplora l-potenzjal ta' dan in-network biex isaħħaħ l-SOCs kif ukoll il-komplementarjetà u l-koordinazzjoni tagħhom man-networks u l-atturi eżistenti (b'mod partikolari n-Network tas-CSIRTs), sabiex tiġi promossa kultura effiċjenti, sigura u affidabbli ta' kondiviżjoni tal-infommazzjoni. JENFASIZZA li dan il-proċess ser jibni fuq il-ħidma mwettqa fil-kuntest ta' inizjattivi dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej.
16. JIEĦU NOTA tal-iżvilupp possibbli ta' sistema ta' konnettività sigura, li tibni fuq l-infrastruttura Ewropea ta' komunikazzjoni kwantistika (EuroQCI) u l-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) tal-Unjoni Ewropea u JAGĦRAF li kwalunkwe żvilupp possibbli futur għandu jkun ibbażat fuq qafas ta' ċibersigurtà robust u jqis l-infrastruttura ta' komunikazzjoni elettronika kollha kemm hi bħall-ispazju, l-art u s-sistemi ta' networks taħt il-baħar.
17. JISTENNA B'INTERESS id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni, l-ENISA, iż-żewġ Operaturi tar-Root Server tad-DNS tal-UE u l-komunità ta' diversi partijiet ikkonċernati biex jiġi vvalutat ir-rwol taż-żewġ Operaturi tar-Root Server tad-DNS tal-UE biex jiġi ggarantit li l-Internet jibqa' aċċessibbli globalment u mhux frammentat. JILQA' diskussjoni ulterjuri dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa servizz Ewropew alternattiv għall-aċċess għall-internet globali (inizjattiva "DNS4EU"), abbażi ta' mudell trasparenti li jikkonforma mal-aħħar standards u regoli dwar is-sigurtà, il-protezzjoni tad-data u l-privatezza fid-disinn u prestabbilita, biex jikkontribwixxi għal reżiljenza akbar, filwaqt li tinżamm u tissaħħaħ il-konnettività internazzjonali għall-Istati Membri kollha.

18. JAGĦRAF il-ħtieġa ta' sforz konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi aċċellerata l-adozzjoni ta' standards ewlenin tal-internet, inkluż l-IPv6, u standards stabbiliti sew tas-sigurtà tal-internet billi huma strumentali biex jiżied il-livell ġenerali tas-sigurtà, ir-reżiljenza, il-ftuħ u l-interoperabbiltà tal-internet globali, filwaqt li tiżied il-kompetittività tal-industrija tal-UE u b'mod partikolari tal-operaturi tal-infrastruttura tal-internet.
19. JENFASIZZA l-importanza ta' approċċ ikkoordinat kif ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi fil-livell nazzjonali biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà tan-networks 5G. JAPPOĠĠA l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks 5G, kif ippreżentati fl-appendiċi tal-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-UE u kif ibbażati fuq ir-riżultati tar-rapport dwar l-impatti tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tan-networks 5G, pereżempju fir-rigward tad-definizzjoni ta' approċċ fit-tul u komprensiv li jħares lejn il-katina ta' valur u l-ekosistema tal-5G kollha kemm huma. Bil-ħsieb li jissaħħaħ aktar l-approċċ ikkoordinat għas-sigurtà tan-networks 5G, IĦEĠĠEĠ l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex ikomplu r-rendikont perjodiku tagħhom, flimkien mal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika fi ħdan il-Fluss ta' Ħidma ddedikat dwar iċ-Ċibersigurtà tal-5G tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u jirrapportaw regolarment dwar il-progress li jkun sar lill-Kunsill.
- JISSOTTOLINJA, filwaqt li jenfasizza r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, l-impenn qawwi tiegħu għall-applikazzjoni u t-tlestija rapida tal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-Sett ta' Għodod tal-UE għall-5G u għat-tkomplija tal-isforzi li saru biex tiġi ggarantita s-sigurtà tan-networks 5G u l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tan-network. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA dwar is-sigurtà tan-networks 5G tista' sservi bħala eżempju għal kwistjonijiet oħra fil-qasam taċ-ċibersigurtà filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

20. JIRRIKONOXXI r-rilevanza li ċ-ċibersigurtà tiġi integrata aktar fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet tal-UE u li dawn jiġu ttestjati f' eżerċizzji rilevanti u JENFASIZZA l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost id-diversi komunitajiet ċibernetiċi fl-UE u li jiġu kkollegati l-inizjattivi eżistenti (bħall-IPCR, in-Network tas-CSIRT, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, is-CyCLONEe, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità, l-INTCEN tal-UE, u korpi rilevanti oħra tal-UE) f'każ ta' inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira u transfruntieri. FILWAQT LI JQIS il-progress li diġà nkiseb f'dan il-qasam, JISTENNA l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-proċess, l-oġettivi intermedji u l-iskeda ta' żmien għad-definizzjoni taċ-Ċiberunità Konġunta (JCU) bil-ħsieb li jiġi pprovdut valur miżjud, fokus ċar u razzjonalizzazzjoni tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, inkluż permezz tat-tħejjija, għarfien komuni tas-sitwazzjoni, it-tiżiħ tar-rispons ikkoordinat u l-eżerċizzji, b'mod trasparenti u inkrementali filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u s-sovrappożizzjoni u filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri.
21. JENFASIZZA kemm l-importanza tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-atturi rilevanti taċ-ċibersigurtà u l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali, eż. l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji kif ukoll l-ħtieġa ta' espansjoni u titjib tal-kapaċità ta' dawn l-awtoritajiet biex jinvestigaw iċ-ċiberkriminalità u jressqu għall-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward u ta' trawwim ta' negozjati internazzjonali u regoli tal-UE dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika. Indipendentement mill-ambjent teknoloġiku tal-lum, huwa essenzjali li jiġu ppreservati s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali permezz ta' aċċess legali biex iwettqu l-kompiti tagħhom, kif preskritt u awtorizzat mil-liġi. Tali liġijiet li jipprevedu s-setgħat ta' infurzar għandhom dejjem jirrispettaw b'mod sħiħ il-proċess debitu u salvagwardji oħra, kif ukoll id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

22. JIRRIAFFERMA l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu ta' kriptaġġ b'saħħtu bħala mezz meħtieġ għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u s-sigurtà diġitali tal-individwi, il-gvernijiet, l-industrija u s-soċjetà u, fl-istess waqt, JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali, eż. l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, li jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom, kemm online kif ukoll offline, biex jiproteġu s-soċjetajiet u ċ-ċittadini tagħna. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw id-data b'mod legali u mmirat, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li tiġi mħarsa ċ-ċibersigurtà. JENFASIZZA li kwalunkwe azzjoni li tittieħed trid tibbilanċja bir-reqqa dawn l-interessi mal-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.
23. JAPPOĠĠA u JIPPROMWOVI l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-ħidma li għaddejja fuq it-Tieni Protokoll Addizzjonali għal dik il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, ikompli jinvolvi ruħu fi skambji multilaterali dwar iċ-ċiberkriminalità, inkluż fi proċessi relatati mal-Kunsill tal-Ewropa, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) u l-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali (CCPCJ), biex tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali msaħħa fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għarfien tekniku u jiġi appoġġat it-tiżiħ tal-kapaċitajiet, filwaqt li jiġu rrispettati, promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.
24. Filwaqt li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, JIRRIKONOXXI l-importanza ta' kooperazzjoni strateġika fl-intelligence dwar it-theddid u l-attivitajiet ċibernetiċi, u JISTIENEN lill-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, biex ikomplu jikkontribwixxu għall-ħidma tal-INTCEN tal-UE bħall-hub għall-għarfien tas-sitwazzjoni u l-valutazzjonijiet tat-theddid dwar kwistjonijiet ċibernetiċi għall-UE u biex jesploraw il-proposta dwar l-istabbiliment possibbli ta' grupp ta' ħidma tal-Istati Membri dwar l-Intelligence biex tissaħħaħ il-kapaċità ddedikata tal-INTCEN f'dan il-qasam, abbażi tal-kontributi volontarji tal-Intelligence mill-Istati Membri u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom.

25. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ta' sigurtà robust u konsistenti biex jiġu protetti l-persunal, id-data, in-networks ta' komunikazzjoni u s-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE u ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq regoli komprensivi, konsistenti u omoġenji. B'mod partikolari, dan għandu jsir billi tissaħħaħ ir-reżiljenza u titjeb il-kultura tas-sigurtà tal-UE kontra t-theddid ċibernetiku u billi tissaħħaħ is-sigurtà tan-networks ikklassifikati u mhux ikklassifikati tal-UE filwaqt li tiġi żgurata governanza adegwata u li jkunu disponibbli biżżejjed riżorsi u kapaċitajiet, inkluż fil-kuntest tat-tisħiħ tal-mandat tas-CERT-UE. JILQA', f'dan il-kuntest, id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni b'kont debitu meħud tar-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, kif ukoll id-definizzjoni ta' regoli vinkolanti komuni dwar iċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE.
26. FILWAQT LI JIBNI fuq l-isforzi tal-UE fil-qasam taċ-ċiberdiplomazija, JIMPENJA ruħu li jżid l-effettività u l-effiċjenza tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija u JISTENNA B'INTERESS li japprofondixxi d-diskussjonijiet dwar l-ambitu u l-użu tiegħu abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-applikazzjoni ta' dan l-istrument s'issa. Dawn id-diskussjonijiet għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tas-sigurtà fil-livell internazzjonali billi jrawmu d-djalogu u jippromwovu viżjoni kondiviża ta' kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà, isaħħu l-prevenzjoni, l-istabbiltà, il-kooperazzjoni u l-avvanzar tat-tisħiħ tal-fiduċja u tal-kapaċitajiet u, fejn meħtieġ, japplikaw miżuri restrittivi, sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jirrispondu għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li għandhom fil-mira l-integrità u s-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u jikkonsolidaw il-pożizzjoni ċibernetika tal-UE, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi u l-prerogattivi nazzjonali. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attakki ċibernetiċi b'effetti sistemiċi li jistgħu jaffettwaw il-ktajjen tal-provvista, l-infrastruttura kritika u s-servizzi essenzjali, l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tagħna u jimminaw is-sigurtà ekonomika tagħna, inkluż is-serq tal-Proprietà Intellettuali permezz taċ-ċibernetika. L-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE għandhom jirriflettu wkoll dwar l-artikolazzjoni bejn il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 42(7) TUE u l-Artikolu 222 TFUE, b'mod partikolari permezz ta' ħidma bbażata fuq ix-xenarji biex jinbena fehim komuni tal-modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7) TUE.

27. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi sħab sabiex jiġi avvanzat il-fehim kondiviż tax-xenarju ta' theddid ċibernetiku, jiżviluppa djalogi u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, jidentifika, fejn xieraq, risponsi diplomatiċi kooperattivi kif ukoll itejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji. B'mod partikolari, JENFASIZZA li sħubija transatlantika b'saħħitha fil-qasam ta' ċibersigurtà tikkontribwixxi għas-sigurtà, stabbiltà u prosperità komuni tagħna u JINNOTA d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fi' ċibersigurtà fi ħdan il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. FILWAQT li jfakkar fil-kisbiet ewlenin tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam ta' ċibersigurtà fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti ta' Varsavja tal-2016 u ta' Brussell tal-2018, itenni l-importanza ta' kooperazzjoni mtejbja, u ta' tisħiħ u benefiċċju reċiproku permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, l-eżerċizzji u rispons koordinat għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, b'rispett sħiħ għall-awtonomija u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet, abbażi tal-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività.
28. Sabiex jikkontribwixxi għal ċiberspazju globali, miftuħ, liberu, stabbli u sigur, li huwa ta' importanza dejjem akbar għall-prosperità, it-tkabbir, is-sigurtà, il-benesseri, il-konnettività u l-integrità kontinwi tas-soċjetajiet tagħna, JIMPENJA ruħu għal involviment kontinwu fil-proċessi ta' ffissar ta' normi f'organizzazzjonijiet internazzjonali, speċjalment fil-proċessi relatati mal-ewwel kumitat tan-NU, filwaqt li jippromwovi u jikkontribwixxi għar-rikonoxximent tal-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fi' ċiberspazju u l-aderenza man-normi, ir-regoli u l-prinċipji ta' mgħiba responsabbli tal-istati fi' ċiberspazju, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-istabbiliment rapidu ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Avvanzar ta' Mgħiba Responsabbli tal-Istati fi' ċiberspazju, bħala segwitu kostruttiv, inklużiv u bbażat fuq il-kunsens kemm tal-proċess attwali tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU (UN GEG) kif ukoll tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ (OEWG).

29. IFAKKAR fl-impenn qawwi tiegħu għal multilateraliżmu effettiv u ordni globali bbażat fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu u d-determinazzjoni tiegħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, jiġifieri s-sistema tan-NU, in-NATO, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSCE, l-OECD, l-Unjoni Afrikana, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, l-ASEAN, il-Forum Reġjonali tal-ASEAN, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Lega tal-Istati Għarab dwar diskussjonijiet rigward kwistjonijiet relatati maċ-ċibernetika kif ukoll l-issoktar u l-espansjoni ta' djalogi u konsultazzjonijiet strutturati tal-UE ma' pajjiżi terzi dwar il-qasam ċibernetiku.
- JENFASIZZA l-appoġġ attiv tiegħu lin-NU, b'mod partikolari fir-rigward tal-Aġenda 2030 tagħhom, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u JILQA' l-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-kooperazzjoni diġitali u l-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm li jrawmu r-responsabbiltà u l-aderenza għan-normi fiċ-ċiberspazju u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti li jirriżultaw minn attività malizzjuża fiċ-ċiberspazju. JILQA' l-proposta biex jiġi stabbilit Network Informali tal-UE dwar iċ-Ċiberdiplomazija mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bil-ħsieb li jiġu żviluppanti l-involviment u l-għarfien espert kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet internazzjonali marbuta mal-qasam ċibernetiku biex jissaħħaħ il-kuntatt koordinat.
30. JISTENNA B'INTERESS il-proposta li jmiss għal rieżami tal-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża (CDPF), u JIMPENJA ruħu li jkompli bl-isforzi biex jissaħħu d-dimensjonijiet taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża bil-ħsieb li jiġi żgurat li dawn ikunu integrati għalkollox fil-qasam usa' tas-sigurtà u d-difiża, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ħidma dwar il-Kumpass Strateġiku. IQIS li l-"Viżjoni Militari u l-Istrateġija dwar iċ-Ċiberspazju bħala Qasam ta' Operazzjonijiet" mistennija ser tikkontribwixxi biex jitmexxew 'il quddiem dawn id-diskussjonijiet. JILQA' l-inizjattiva tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex trawwem il-kooperazzjoni bejn CERTs Militari u JAPPOĠĠA l-isforzi li saru biex jissaħħu s-sinerġiji ċivili-militari u l-koordinazzjoni b'rabta maċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà, inkluż aspetti relatati mal-ispazju, anke permezz tal-proġetti PESCO ddedikati.

31. JILQA' l-proposta li tiġi żviluppata Aġenda għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika Esterna tal-UE, il-proposta biex jinħoloq Bord tal-UE għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika u l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' EU CyberNet (in-Network tal-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika tal-UE) biex jiżdiedu r-reżiljenza u l-kapaċitajiet ċibernetiċi madwar id-dinja. F'dan il-kuntest, JILQA' l-kooperazzjoni mal-Istati Membri, kif ukoll mas-sħab tas-settur pubbliku u privat, b'mod partikolari l-Forum Globali dwar l-Għarfien Espert Ċibernetika (GFCE) u korpi internazzjonali rilevanti oħra, biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni u tiġi evitata d-duplikazzjoni. B'mod partikolari, JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni mas-sħab fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE.
32. Sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-Internet u l-użu tat-teknoloġiji, JIMPENJA ruħu li jassisti lill-pajjiżi sħab fl-indirizzar tal-isfida dejjem tikber ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, b'mod partikolari dawk li jagħmlu ħsara lill-iżvilupp tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom u l-integrità u s-sigurtà tas-sistemi demokratiċi tagħhom, inkluż f'konformità mal-isforzi taħt il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.
33. Sabiex jiġu żgurati l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proposti ppreżentati fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, u b'kont meħud tan-natura pluriennali ta' wħud mill-inizjattivi, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jistabbilixxu pjan ta' implimentazzjoni dettaljat li jiffissa l-prijoritajiet u l-iskeda ta' azzjonijiet ippjanati. Ser JIMMONITORJA l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-Konklużjonijiet permezz ta' Pjan ta' Azzjoni li ser jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment mill-Kunsill f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli.

34.